TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 243/13/GB

**Daniel Camilleri**

**vs**

**Charles Cassar – Buccaneer Boats Ltd.**

Illum 12 ta' Frar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet elef u hames mitt Ewro (€3,500.00), rapprezentanti l-ispejjez neċessarji sabiex tkun tista' titranġa dghajsa li nxtrat minghand l-intimat, liema dghajsa kellha diversi difetti.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara dghajsa minghand l-intimat. Din id-dghajsa inzertat difettuża minn hafna partijiet. Apparti li nzertat bid-difetti, din ġiet imsewwija ghal tlett darbiet. Waqt li d-dghajsa kienet fil-garaxx, ir-rikorrent induna li l-genb taghha kien gie msewwi, u huwa qatt ma kien gie nfurmat bil-hsara li kien fiha. Ir-rikorrent ghandu dubji kbar jekk din l-istess dghajsa kienitx second hand, pero' huwa kien minghalih li kienet ġdida.

It-tlett darbiet li r-rikorrent dahhal id-dghajsa kienu meta kien hiereg biha l-ewwel darba mill-garaxx ta' l-intimat, fejn wahda mix-xhieda tar-rikorrent kienet indunat li kien fiha daqqa. L-intimat kien tah masking tape u qallu li fejn jara hazin iwahhal biċċa zghira masking tape. Minghajr ebda esagerazzjoni, ir-rikorrent hela tape u nofs mad-dghajsa. Ma kienx punt li r-

rikorrent jghid lill-intimat li ma riedhiex, allavolja ma hax pjaċir, iżda skond il-ligi l-intimat ghandu dritt li jsewwi.

It-tieni darba li r-rikorrent dahhalha kien minhabba li n-navigation lights ma bdewx jahdmu, il-fuel gauge ma jahdimx, bieba tal-kabina tehel, anchor holder l-intimat kien wahhal wahda ta' dghajsa izghar, bolts kbar hafna li kienu ta' periklu, tinda bid-damage, toqob fuq ġewwa tal-kabina, l-intimat kellu jwahhal bieba fuq wara u jaghmel seat, jirranġa ir-rolers tal-karru ghax kienu ta' periklu, ecc.

It-tielet darba, ir-rikorrent rega' kellem lill-intimat fuq ir-rollers biex din id-darba jibdilhom, fejn l-intimat kien qallu li kien ser jibdilhom ghall-ohrajn tan-nylon. Ir-rikorrent ma qabilx ghaliex huwa jaf illi dawn kellhom jinbidlu u jsiru iktar wesghin. U l-lista ta' difetti tkompli.

Ir-rikorrent talab illi d-dghajsa tinbidel u ssir ohra mill-gdid kif suppost ghandha ssir u tiġi spezzjonata minn surveyor waqt li tkun qieghda tinhadem.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

1. Fl-ewwel lok it-talba tar-rikorrent teccedi l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u dan stante illi ghalkemm l-ammont indikat mir-rikorrent fl-avviz tat-talba huwa dak ta' €3,500, it-talba tar-rikorrent hija sabiex tinbidel id-dghajsa u ssir ohra mill-gdid, liema dghajsa ghandha l-valur ta' €28,600 u dan skond ma jirrizulta minn invoice mahrug mill-intimat;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-intimat ikkonsenja d-dghajsa tajba u jekk ġiet ikkawżata hsara fid-dghajsa dan kollu huwa tort tar-rikorrent;

3. Fit-tielet lok, minghajr preġudizzju ghas-suespost, hemm dokumentazzjoni li turi li r-rikorrent iddikjara li d-dghajsa ġiet ikkonsenjata lilu "in a functional state complete with all the accessories furnishings and fittings requested".

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

L-intimat ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa sett ritratti, li gew immarkati bhala Dok.DC1; flimkien ma' dokument iehor, li gie mmarkat bhala Dok.DC2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa dokument, li gie mmarkat bhala Dok.BB1, rigward liema dokument, ir-rikorrent ikkonferma li kien qed jaghraf il-firma tieghu.

It-Tribunal, wara li ra l-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta ta' l-intimat, u wara li ghamel diversi mistoqsijiet f'dan ir-rigward lir-rikorrent, jinnota illi r-rikorrent qed jitlob l-ammont ta' €3,500 rapprezentanti l-ispejjez tad-difetti *in eżistenza* fuq id-dghajsa *in* kwistjoni. Illi ghalhekk, l-intimat iddikjara illi kien qed jirtira l-imsemmija eċċezzjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-ispejjez necessarji, hekk kif mitluba mir-rikorrent, sabiex titranġa id-dghajsa in kwistjoni, qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**